Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 38– Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Bernard Carabott | Ambaxxatur |

38.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

**38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

38.2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**38.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

38.3.1 Is-Sindku rrefera għad-diversi problemi konnessi mal-proġetti pendenti. Irrefera għal Triq il-Briegħen u l-problema tal-*fibre optic* u dik tal-WSC. Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li s-Segretarja kellha din il-ġimgħa mal-Inginier Mark Perez mill-WSC u rigward it-talba sabiex ninserixxu l-BOQ tagħhom fl-offerta tagħna. Is-Sindku talab lil WSC jagħmlu x-xogħol huma separatment minn dak tal-Kunsill. Huma qed jitolbu li ndaħħlu l-BOQ tagħhom ma' tagħna. Is-Sindku wera l-preokkupazzjoni tiegħu li aktar ma nikkumplikaw it-*tender* aktar se ndumu u anke għal fatt li jekk ikun l-istess kuntrattur jista jdum aktar ma jlesti x-xogħol. Il-problema li hija evidenti f'dawn ix-xogħolijiet hija d-*deadline* li hija fl-aħħar ta' Ġunju. Is-Sindku talab sabiex il-WSC jagħmlu x-xogħol huma apparti imbagħad aħna nagħmlu l-wiċċ. Huwa rrefera wkoll għal fatt li lil WSC tlabnihom jikkordinaw x-xogħol mal-Malta Enterprise biex jikkombinaw ix-xogħolijiet.

38.3.2 Is-Sindku rrefera wkoll għat-tender ta' Triq iż-Żewwieqa. Huwa rrefera għall-kuntratt iffirmat mal-Ministeru għal Għawdex, dak ta' €80,000 iżda l-orħos offerta mitfugħa għal dan ix-xogħol hija dik ta' €50,485.54 mingħajr VAT. Huwa ppropona li rridu nikkonsultaw mal-Ministeru għal Għawdex biex nippruvaw naraw nistgħux nestendu l-*area* biex jiġu utilizzati l-flus li jkopru din id-differenza. Is-Segretarja rreferiet għall-laqgħa tal-Bord tal-Evalwazzjoni li kien kompost mil-Avukat Joshua Grech, l-Accountant Pauliana Said, il-Kunsillier Larry Buttigieg, il-Perit Shawn Micallef bħala rappreżentant tal-Ministeru għal Għawdex u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. L-għażla waqgħet fuq l-orħos offerta ta' Gatt Tarmac Ltd għall prezz ta' €50,485.54 ex VAT. Sar qbil li għandna ninkludu wkoll is-servizzi tal WSC għall-istima ta' madwar €6523.

38.3.3 Is-Sindku semma' li ġie kkuntatjat minn Valletta 2018 rigward persuni li jixtiequ jiltaqgħu ma' diversi setturi fosthom ma' xi sajjieda. Huwa semma' li kkuntatja lil Daniel u lil Pietru Caruana u dawn aċċettaw li jikkontribwixxu.

38.3.4 Saret referenza wkoll mis-Sindku għall-attivita' Valletta 2018 li saret fiċ-Ċentru Parrokjali Għajnsielem. Huwa semma' li huwa attenda għaliha u kien hemm konkorrenza tajba.

38.3.5 Is-Sindku attenda għal-laqgħa rigward sistema ġdida komputerizzata dwar kif isiru t-talbiet għall-bankini. Huwa spjega kif mil-llum 'l quddiem, kullma jinħtieġ isir bħala bankini u ħaddiema rridu napplikaw *online* fuq sistema ġdida komputerizzata u kif kull talba tax-xogħolijiet meħtieġa trid tidħol f'din is-sistema u tiġi approvata.

38.3.6 Is-Sindku għamel referenza għall-bozza ta' Triq iċ-Ċief. Huwa spjega kif din inqalgħet għax inbena post ġdid u biex tiġi *shifted* trid tieħu dewmien ta' process ta' burokrazija biex terġa tigi nstallata.

38.3.7 Is-Sindku ta randikont dwar is-servizz ġdid ta' gwardjan fil-lokal. Dan huwa servizz tajjeb ħafna. Saret referenza għall-incident li nqala' din il-gimgha rigward resident li kien johrog bil-kelb bla cinga u jhammeg fil-madwar. Dan ir-resident gie mharrek fuq evidenza li ġiet ipprovduta. Sar qbil li għandna ninfurmaw lir-residenti b'dan is-servizz.

38.3.8 Is-Sindku rrefera għan-nomina li saret lil Toni Grech għall-Premju Nazzareno Vassallo. L-attivita' ta' premjazzjoni ser issir f'April u ser niġu mistiedna bħala Kunsill.

38.3.9 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma' Carolyn Clements ta' Lil Din L-Art Helwa rigward it-Torri ta' Kemuna. Hija talbitna għajnuna ta' ħaddiema biex jiżbħu l-ewwel 10 piedi tat-torri minn ġewwa. Sar qbil li issir talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħmlu dan ix-xogħol.

38.3.10 Is-Sindku rrefera għall-ittra mibgħuta minn tifel Wayne fejn ilmenta dwar il-funtana tax-Xatt. Huwa apprezza l-fatt li tfajjel ċkejken kien kapaċi jwassal l-ilment tiegħu u qabel li għandu jirripondih personalment.

## 38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

38.4.1 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għal fatt li rat grada milwija fi Triq il-Ġnien u dlonk ċemplet lil Co-ordinator tal-Kunsill Frankie Saliba biex jirranġawha b'urġenza peress li kienet ta' periklu. Hija rreferiet għal fatt li minkejja l-kesħa u li kien tard fit-8pm, Frankie mar u rranġaha dak il-ħin stess. Pubblikament tixtieq tapprezzah talli kien pront u mar iwettaq dan ix-xogħol f'dawk il-ħinijiet.

38.4.2 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet wkoll għall-ħtiega ta' ftit cement fuq il-bankina ta' Loreta fi Triq Simirat. Dan ix-xoghol ġie kkonfermat li sar.

38.4.3 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għall-iskema tar-Restawr li kienet ħarġet mill-EcoGozo u talbet spjegazzjoni ta' x'ġara dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill tagħna u għaliex ma kwalifikajniex. Is-Sindku irrefera għal fatt li huwa mar mal-Perit Godwin Sultana u ndikalu l-aktar niċeċ li jinħtieġu restawr, dawk ta' Sant'Antnin, ta' Pjazza Indipendenza u Ta' Triq Ħamri. Huwa fisser kif ridna napplikaw għal sit wieħed iżda talab lil Perit jdaħħalhom it-tlieta li huma. Is-Segretarja hawnhekk irreferiet għall-korrispondenza mingħand id-Direttur Vicky Xuereb dwar id-deċizzjoni tagħhom li tindika li l-applikazzjoni tagħna ma ġietx aċċettata għal fatt li kull kunsill seta' biss japplika għal sit wieħed u billi l-applikazzjoni tagħna kienet tinkludi aktar minn sit wieħed din ġiet skwalifikata. Huwa semma' li kkuntatja d-direttur dwar dan u kkonfermatlu li ser jerġgħu joħorġu skemi simili fil-futur qarib. Il-kunsilliera ġibdu l-attenzjoni li darb'oħra naraw li nimxu strettament mal-linji gwida għax dnub li intilfet din l-opportunita'. Il-Viċi Sindku aċċena għal fatt li ma ġiex diskuss mal-kunsilliera liema niċċa kienet se tintagħżel għal din l-iskema. Il-Kunsillier Peter Caruana talab ukoll biex jekk terġa toħrog l-iskema nikkunsidraw li nirrestawraw l-inkwadru tax-Xatt.

38.4.4 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li kien hemm mera fi Triq Borg Għarib faċċata ta' Triq il-Gawwi u ma għadhiex hemm. Huwa talab sabiex nitolbu biex din terġa teħel.

38.4.5 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi tenna t-talba li Pjazza Indipendenza u Triq Ramon Perellos huma mdallma u jinħtieg li nżiduhom il-vultaġġ billi nibdlu l-lampi eżisteni kollha f'kulur *warm white* u aktar qawwijin. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Norbert Cauchi sabiex jinbidlu kollha u jkunu uniformi.

38.4.6 Il-Viċi Sindku rrefera wkoll għall-flood lights tal-Pjazza tad-Dehra li mhux dejjem qed jixgħelu peress li hemm minnhom maħruqin. Sar qbil li għandna nirranġawhom.

38.4.7 Il-Viċi Sindku reġġħa tenna t-talba li hemm bżonn li nirrangaw il-pompa tal-funtana tal-Pjazza tad-Dehra biex ikun hemm aktar pressa u l-ilma jinżel kif suppost. Sar qbil li għandna niġbru xi stimi.

38.4.8 Il-Viċi Sindku rrefera għal ħtieġa ta' manutenzjoni fuq xi bandli fil-Playing Field Amabile Cauchi fosthom fuq bandli mqaċċtin u tindifa sewwa liż-żurzieqa l-blu.

38.4.9 Il-Viċi Sindku staqsa dwar f'hiex waslet l-ordni ta' *bollard* fix-Xatt l-Aħmar. Is-Segretarja informatu li dawk ġew ordnati u kemm jiġu nstallati malli jkunu lesti.

38.4.10Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li d-decking taż-Żewwieqa huwa lest u jista jiġi nstallat. Il-Viċi Sindku staqsa jekk hux ser isir it-tindif tal-bajja qabel inpoġġuh. Is-Sindku propona wkoll li għandna nagħtu spinta lix-Xatt l-Ahmar qabel jidħol is-sajf.

38.4.11Il-kunsillier Larry Buttigieg propona sabiex meta jinbeda l-proġett ta' Triq il-Brieghen, ikun għaqli li nagħmlu użu mit-tħammil billi nimlew xi ħofor fit-Triq ix-Xatt l-Aħmar. Sar qbil li jista jkun il-każ li t-terrapien jinġarr kollu lejn il-baħar mal-ewwel xita.

38.4.12Il-kunsillier Peter Caruana talab sabiex inressqu talba biex issir *sleeping policeman* ħdejn il-*pumping station* qadima fix-Xatt.

38.4.13Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal fatt li s-Sur Alessandro Battilocchio ġie elett fil-parlament taljan. Huwa propona li jkun xieraq li bħala Kunsill nibgħatulu ittra u nifirħulu. Sar qbil ma' dan.

38.4.14Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal ħtiega ta' pathway fix-Xatt l-Ahmar minn mal-passaġġ għas-sellum. Sar qbil li għandna ninkludu din il-materja fl-agenda tal-laqgħa li tlabna biex issir mal-Ministru ghal Għawdex.

38.4.15Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi irrefera għall-fatt li l-ilma tax-shower fis-showers taż-Żewwieqa mhux jaħdmu. Sar qbil li għandna ngħaddu l-ilment lil Ministeru għal Għawdex.

## 38.5 Korrispondenza u Rapporti

38.5.1 Is-Segretarja rreferiet għall-kont tar-*roaming* li kien irċieva l-Kunsill wara btala tagħha personali u dwar dan il-każ kienet infurmat lill-Kunsill dwaru fil-laqgħa numru 33 f'artiklu 33.5.5. Is-Segretarja infurmat lill-kunsill li wara li ntbgħatet ittra bl-avukat biex jikkontesta dan il-kont kif kien maqbul fil-laqgha, l-ammont ta' €1300 f'*roaming* ġie maħfur u maqtugħ mill-kontijiet tal-Kunsill.

38.5.2 Is-Segretarja preżentat l-Avviż ta' Qtugħ ta' Servizz provdut mill-Arms Malta rigward il-kontijiet pendenti li hemm fuq il-*meter* tal-Playing Field u Pjazza 10 ta' Dicembru. Il-kontijiet pendenti li ilhom jakkumulaw snin, peress li kien hemm xi perijodu twil li l-meter għal xi raguni ma kienx jinqara, issa ammontaw għal €5233.31. Jekk ma jitħallasx dan l-ammont ser jinqata s-servizz. Saret diskussjoni dwar il-kontijiet u l-konsum u fejn hemm imqabbad mal-istess *meter*. Il-Kunsill approva li jitħallas dan il-kont.

38.5.3 Ġiet trattata t-talba mingħand Veronica Buttigieg, biex il-Kunsill jiddikjara li l-art li tinħadem minnhom fl-area magħrufa Ta' Passi ma hix ta' użu u ħtieġa għall-Kunsill. Din il-konferma diġa saret mill-Kunsill preċedenti u tinħtieġ konferma bil-miktub biex tkun tista tkompli taħdem ir-raba tagħha li tagħha ilhom iħallsu għal snin twal. Sar qbil li l-Kunsill għandu jerġa jikkonferma li ma għandux ħtieġa ta' din l-art.

38.5.4 Ġiet trattata t-talba mingħand Carmen Xerri rigward hajt li waqa għat-triq minn residenza li nxtrat biex titwaqqa u tinbena f'blokka flattijiet. Saret talba jekk il-Kunsill jistax jibni l-ħajt jew jitneħħa l-ġebel li waqa. Il-Kunsill qabel li peress li huwa ħajt ta' residenza privata, għandu jkun is-sid li jieħu ħsieb it-tiswija tiegħu u t-tneħħija tal-periklu.

38.5.5 Ġiet trattata t-talba li l-Kunsill ressaq sabiex teħel lampa ġdida ma' arblu eżistenti li hemm fi Triq Hamri kantuniera ma' Triq Sant'Antnin. Wara li saret it-talba, l-Ing Mizzi tal-Enemalta kkonferma li l-arblu huwa tal-Melita u ma jistax jintuża għal dan il-għan. Għalhekk sar qbil li għandna nistħarrġu jekk tistax teħel mar-residenza tal-faċċata biex nevitaw li jiġi nstallat arblu ieħor.

38.5.6 Ġie trattat l-appell tal-Awtorita' tal-Ippjanar bin-numru PA 7159/07 għal talba sabiex tinbena kamra ta' qabel l-1976 fi Triq ta' Bwier, Għajnsielem.

38.5.7 Ġiet trattata t-talba mingħand Stephanie Abela sabiex isiru *double yellow lines* quddiem ir-residenza tagħha. Din it-talba tressqet quddiem Transport Malta u dawn qed jitolbu sabiex jiġi provdut ċertifikat tat-tabib f'każ ta' problema medika. Il-Kunsill qabel li peress li din it-talba qed issir quddiem bieb ta' komun ta' blokka appartamenti, għandu jinġab il-kunsens tal-appartamenti l-oħra kollha.

38.5.8 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand Għajnsielem FC rigward il-proposta tagħhom sabiex il-latrina pubblika timxi għall-parkeġġ biswit ta' Passi biex tkun tista tintuża wkoll għal waqt l-attivita' ta' Bethelehem, b'hekk tiġi evitata wkoll l-ispiża tal-*mobile toilet*. Fl-ittra tagħhom proponew li l-latrini eżistenti jiġu trasformati f'*dressing rooms* għall-Club. Il-Kunsill qabel mal-prinċipju u saret diskussjoni dwar l-art ta' wara l-każin ta' min hi . Il-Viċi Sindku kkonferma li l-każin tal-banda għandu parti u l-kumplament huwa tal-Joint office. Is-Sindku Franco Ciangura propona li anke nistgħu ninnegozjaw li ssir wara l-lukanda ta' Bethlehem. Irridu nivverifikaw l-latrina preżenti ta' min hi. Sar qbil li għandna nressqu din il-materja fil-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex.

38.5.9 Sar qbil li għandha tintbgħat *reminder* lil Ministru għal Għawdex sabiex tinżamm laqgħa magħha.

38.5.10 Ġiet trattata t-talba mingħand Frankie Saliba ta' Triq Firilla sabiex tiġi nstallata mera quddiem l-entratura tal-garages tal-blokka tiegħu. Huwa kkonferma li ġab il-konferma tas-sid tal-faċċata ta' fejn qed jitlob li teħel bil-kundizzjoni li jekk isir xi żvilupp titneħħa. Il-Kunsill qabel ma' dan.

38.5.11 Ġiet trattata t-talba mressqa mingħand Teddy Portelli sabiex jittranġa l-*culvert* biex jiġi rċevut l-ilma fi Triq Wied ir-Rgħajjes. Sar qbil li għandna nkabbru l-grada ta' fejn ta' Spiru biex insolvu din il-problema.

38.5.12 Ġiet trattata t-talba mingħand Stella Grech, ta' Alpine House, Triq Hamri għall-ħtieġa ta' metru *double yellow lines* quddiem ir-residenza tagħha għax qed jingħalqilha l-aċċess. Sar qbil li għandna nitolbu lil Transport Malta għal metru *double yellow lines* quddiem il-gate tagħha.

38.5.13 Ġiet trattata t-talba mingħand Karmena Zerafa għal bozza ġdida fi Triq Cordina . Din it-talba ġiet approvata.

38.5.14 Ġiet trattata t-talba mingħand Maryanne Tabone ta' Rainbow, Triq Sant'Antnin sabiex tiġi rranġata l-bankina tagħha. Sar qbil li għandna naraw eżatt x'jinħtieġ isir u mmexxu t-talba tagħha.

38.5.15 Ġiet diskussa wkoll it-talba mingħand Rose Portelli ta' 77, Triq Sant'Antnin, Għajnsielem biex tinqala r-rampa tar-residenza tagħha u minflok issir bankina. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba lid-Dipartiment tas-CMU.

38.5.16 Ġiet trattata t-talba mingħand Pawlu ta' Haqqu sabiex is-*sign* li hemm *one way* fi Triq Merkanti tinbidel billi ssir 'except for residents' għax qed ikollhom iduru dawra għal ftit metri. Huwa talab ukoll sabiex it-*trailer* li hemm pparkjat jitneħħa peress li ilu snin twal ipparkjat ħdejn il-*garage* tiegħu u ma jkunx jista jara biex jidħol u joħroġ. Il-Kunsill qabel li għandu jirraporta sabiex jitneħħa dak it-*trailer* u li għandna nitolbu lil Transport Malta sabiex taħt il-*One Way sign* tiżdied tabella *"Except for residents"*.

38.5.17 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Ġanni Spiteri sabiex jimtlew bit-torba d-diversi ħofor li hemm fi Triq il-Briegħen.

38.5.18 Tressqet wkoll it-talba mingħand Vendra Xuereb sabiex tiġi nstallata pipe railing mal-bankina fi Triq Santu Liju. Sar qbil sabiex niċċekjaw eżatt xi trid u r-raġuni għaliex teħtieġa.

## 38.6 Applikazzjoni Miżura 4.4- Ħitan tas-Sejjieħ

38.6.1 Is-Sindku rrefera għall-opportunita' sabiex indaħħlu applikazzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ taħt il-Miżura 4.4. Sar qbil li għandna ndaħħlu l-ħitan ta' parti mil-bidu ta' Triq il-Brieghen u Triq Sant'Eliju. Sar qbil li għandna ninkarigaw lil Perit Edward Scerri sabiex jipprovdilna l-Bill of Quantities meħtiega. Sar qbil ukoll li fl-istess applikazzjoni ndaħħlu t-tindif ta' parti mill-Wied u r-restawr tal-arkata. Għal dawn ix-xogħolijiet għandna nikkuntatjaw lil Perit Shawn Micallef li diġa għandu l-Bill of Quantities lesti peress li ssottomettihom f'applikazzjoni oħra.

## 38.7 Approvazzjoni tal-Kont tar-Resurfacing ta' Triq J F de Chambray

38.7.1 Ġiet preżentat il-kont mingħand Road Construction Ltd għax-xogħolijiet ta' *resurfacing* li saru f'parti minn Triq J F de Chambray. L-ammont totali għax-xogħolijiet imwettqa ammonta għal €19315.83 inkluż il-VAT. Peress li l-ammont qabeż sew dak stipulat fl-offerta, dak ta' €9248.00, is-Segretarja talbet spjegazzjoni bil-miktub mingħand il-Perit tal-proġett Shawn Micallef.

38.7.2 Il-perit ikkonferma l-kont billi ta spjegazzjoni tal-*variations* kkaġunati billi f'dan il-każ ta' din it-triq minħabba li kien hemm partijiet minna li niżlu u kif ukoll l-qlib ma kienx qiegħed sew kellu jiżdied il-wiċċ li konna ser nagħtu. Fil fatt in-naħa taz-zuntier kien hemm parti fejn kelna nagħtu ħxuna ta' *tarmac* mhux ħażin u dan minħabba li f'din il-parti t-triq niżlet. Il-perit kompla jistqarr li ta' min jinnota ukoll li bil-livelli l-ġodda irnexxilna neliminaw il-grada li kienet tilqa l-ilma. Sar ukoll xogħol fuq xi *storm water pipes* li ma kinux mertu ta' din l-istess *tender* u dan minħabba li t-tender li ħriġna kienet biss tinkludi *resurfacing* ta parti żgħira minn din it-triq. Huwa għalhekk, kompla jikkonferma l-Perit, li minħabba li tajna *area* aktar ta' *tarmac* minn dak li kien hemm allokat fl-offerta li ħriġna u kif ukoll minħabba l-fatt li kien hemm partijiet li ħadu ħxuna ta' *tarmac* aktar minn dak previst fuq l-istess *tender* u kif ukoll ix-xogħol fuq *storm water pipes* inbidel il-prezz minn dak li kif stmat oriġinarjament.

38.7.3 F'dan ir-rigward il-Kunsill approva l-ħlas ta' dan il-pagament.

## 38.8 Stima tad-Dawl tal-Playing Field tal-Gudja

38.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv irreferiet għad-decizzjoni li ttiehdet fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill sabiex noħorġu stima biex issir trinka biex ikollna *supply* tal-elettriku fil-Playing Field tal-Gudja. Is-Segretarja bgħatet għall-erba' stimi iżda lura daħlet waħda biss mingħand Richard Cauchi għall-prezz ta' €4429.20. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta din l-istima u jordna li jinbeda x-xogħol meħtieġ.

## 38.9 Stima tad-Dawl tat-Trinka ta' Lourdes

38.9.1 Is-Segretarja rreferiet wkoll għad-deċiżżjoni tal-aħħar laqgħa li nibgħatu għal stima tax-xogħol ta' din it-trinka f'Ta' Lourdes sabiex jkun hemm *supply* tal-elettriku. L-istess għal din l-istima ntbgħatu erba' stimi iżda lura rritornat waħda biss mingħand Richard Cauchi għall-prezz ta' €869.67. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta din l-istima u jordna li jinbeda x-xogħol meħtieġ.

## 38.10 Tisbieħ f'Ta' Lourdes

38.10.1Is-Sindku propona li jsir pavimentar quddiem il-knisja ta' Lourdes. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw perit sabiex jipprovdi stima tal-pavimentar. Sar qbil ukoll li għandna nerġgħu napplika sabiex jinbena l-ħajt permezz tas-sistema l-ġdid komputerizzata.

## 38.11 Ħruġ mill-ġdid tal-offerta ta' Triq Ħamri

38.11.1Is-Segretarja rreferiet għal fatt li meta nħarġet l-offerta ta' Triq Ħamri, din kienet tinkludi Triq iż-Żewwieqa wkoll u għal fatt li issa Triq iż-Żewwieqa nħarrġet offerta ġdida għaliha peress li ser tiġi ffinanzjata mill-Ministeru għal Għawdex. Sadanittant ukoll ġie kkonfermat li l-Water Services Corporation jinħtieġ li jgħaddu trinka u għalhekk qed jitolbu li ninkludu x-xogħolijiet tagħhom mal-Bill of Quantities tagħna u huma jħallsuna lura għal parti mix-xogħolijiet. Skond stima mibgħuta mill-Inġinier Charlie Camilleri tal-WSC tinkludi f'€13,364.30 bħala xogħolijiet li jridu jsiru aspejjes tal-Kunsill u b'€5937.14 b'xogħolijiet li jsiru mill-kuntrattur tal-Kunsill iżda jiġu mħallsa lura mill-WSC.

38.11.2Għalhekk huwa ssuġġerit li l-offerta li nħarġet originarjament għal Triq Ħamri u Żewwieqa taqa' u terġa toħroġ waħda għal Triq Hamri biss inkluż dawn is-servizzi. Il-Kunsill qabel ma' dan u li għandu jinforma lil Perit b'din id-deżiżżjoni.

## 38.12 Manutenzjoni lit-Truck tal-Kunsill

38.12.1Is-Segretarja rreferiet għal fatt li riċentament it-*truck* tal-Kunsill ġarrab xi ħsarat u kien jinħtieġ li jittieħed Malta għand l-aġent tiegħu għall-manutenzjoni. L-istima għall-*parts* u *labour* ser tammonta għal €3073.75. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi fit-tiswijiet tiegħu.

38.12.2 Il-Vici Sindku ghamel referenza ghall-pagament li hemm fis-schedule of payment ta' €327.49 lil Jacqueline Refalo ghat-tiswija ta' ncident tat-trakk u saqsa jekk hux relatat. Is-Sindku semma' li dawk huma ispejjes jinkopru l-kont ta' meta huwa kien qed jaghmel uzu tat-trakk waqt il-preparamenti ta' Bethlehem f'Ghajnsielem u laqat fanal ta' karozza pparkjata. Huwa spjega kif hallilhom nota u wara dawn ikkuntatjawh. Huma rrangaw il-hsarat u gabu l-kont. Il-Vici gibed l-attenzjoni li kieku ahjar ingab gwardjan lokali biex tidhol l-insurance u kien ikun tajjeb li kieku l-Kunsill gie nfurmat b'dan l-aċċident. Sar

qbil li fuq konsultazzjoni li saret bejn is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv, sar qbil li ghalkemm dawn thallsu mill-Kunsill ser nesigu li l-insurance tikkaverja din l-ispiza u ssir *claim* ghalihom.

**38.13 Attivita' Gozo Alive**

38.13.1 Saret referenza ghall-istedina sabiex norganizzaw attivita' fil-lokal konnessa ma' Gozo Alive. Il-Kunsilliera Karen Xuereb issġġeriet li norganizzaw wirja tar-ritratti antiki. Is-Sindku propona li jsir *tradition market* f'Ta Passi. Huwa propona li nagħmlu stima u proposta u naraw Ministeru kemm ser jgħinuna finanzjarjament.

**38.14 Ħatra ġdida ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

38.14.1 Saret referenza għal fatt li l-ambaxxatur taż-Żgħażagħ Bernard Carabott ma' għadux jattendi għal laqgħat. Sar qbil li għalhekk għandna nikkuntatjaw lil Ryan Mifsud biex jinħatar hu bħala ambaxxatur ġdid taż-żgħażagħ.

**38.15 Ċensiment f'Għajnsielem**

38.15.1 Is-Sindku propona li permezz ta' żagħżagħ/studenti għandna niġbru xi nformazzjoni dwar ir-residenti t'Għajnsielem. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li din id-data tista faċilment tinġabar mill-aħħar ċensiment li sar.

**38.16 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

38.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda tal-Pagamenti għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti fil-lista.

**38.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

38.17.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha 25 t'April ta' Marzu 2018 fl-4:15 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**